## NIĊĊELEBRAW 50 SENA TA' 'ID-DENFIL' FIL-ĠIMGĦA DDEDIKATA LIL-LIBRERIJI 2024




Mit-22 ta' April sal-31 ta' Awwissu 2024, Malta Libraries ser tkun qed tiċċelebra l-50 Sena Anniversarju tas-serje ta' kotba tant maħbubin: 'Id-Denfil' permezz ta' inizjattiva għall-pubbliku li ser tkun qed tiġi varata f'April bħala parti mill-programm t'attivitajiet uffiċjali marbut mal-ġimgħa ddedikata lil-Libreriji, liema ġimgħa taħbat dejjem mal-Jum Dinji tal-Ktieb u l-Jeddijiet tal-Awtur.

Membri ta' Malta Libraries li jixtiequ jipparteċipaw f'dan l-anniversarju huma mitluba jiġbru biljett minn waħda minn dawn il-libreriji t'hawn taħt. Kull librerija ser tkun qed tospita storja minn 'Id-Denfil' u meta wieħed jaqra din l-istorja, il-librara ser jittimbraw in-numru abbinat. F'Lulju, l-istejjer li ser ikunu Għawdex ser jinbidlu ma' dawk ta' Malta biex il-parteċipanti jkunu jistgħu jgħaqqdu t-tnax-il timbru abbinati mat-tnax-il storja aktar faċilment. Fl-aħħar t'Awwissu tiġi fi tmiemha l-inizjattiva billi jinġabru l-biljetti u jitħabbar rigal speċjali għall-parteċipanti li jgħaqqdu t-tnax-il timbru.

MALTA – CPL, Qormi Regional, Birkirkara Regional, Pembroke Branch, Birżebbuġa Branch, Mtarfa Branch.

GĦAWDEX – GCPL, Għajnsielem Branch, San Lawrenz Branch, Qala Branch, Għarb Branch, Xewkija Branch.

Id-Denfil dam joħroġ għal 33 sena sħaħ mill-1974 sal-2007 u fl-ewwel edizzjoni tiegħu kienu ġew ippubblikati 7 kotba li kienu jinkludu l-ktieb rari 'Id-Denfil Taż-Żgħar.' Dawn il-kotba rawwmu ġenerazzjonijiet ta' studenti fil-qari tal-Malti u fost it-temi prinċipali tal-istejjer u siltiet miġbura fihom insibu l-imħabba lejn il-pajjiż u l-lingwa Maltija, l-iżvilupp storiku ta' gżiritna, l-imħabba lejn l-ambjent u n-natura, ir-rispett lejn il-proxxmu u l-imħabba lejn l-annimali. Apparti dawn, ta' min jinnota li f'kull 'Id-Denfil' hemm ħsieb rigward l-istaġuni u l-festi abbinati, mill-Milied sal-Karnival, sal-Ġimgħa l-Kbira u l-festi tas-sajf.

Din l-inizjattiva ta' Malta Libraries hija b'xejn u miftuħa għall-etajiet kollha. Min jipparteċipa huwa mħeġġeġ jaqsam l-esperjenza tiegħu/tagħha tul il-vjaġġ minn storja għall-oħra billi jitteggja 'l Malta Libraries fuq il-media soċjali.

## *CELEBRATING 50 YEARS OF 'ID-DENFIL' DURING LIBRARIES WEEK 2024*

*Malta Libraries will be celebrating the 50th Anniversary of the beloved book series: 'Id-Denfil' from the 22nd of April till the 31st of August with an initiative for the public which will launch in April as part of the programme of events for Libraries Week 2024, a week which intentionally coincides with World Book and Copyright Day.*

*Members of Malta Libraries who wish to participate in this anniversary can pick up a ticket from one of the libraries listed below. Every library will be hosting a story from 'Id-Denfil' and the librarians will stamp your ticket upon reading the story. In July, the stories posted in Gozo will be swapped with those in Malta so that the participants can collect their 12 stamps more easily. The initiative wraps up by the end of August when the tickets will be collected and a special price will be announced for those participants who manage to collect the 12 stamps.*

*MALTA – CPL, Qormi Regional, Birkirkara Regional, Pembroke Branch, Birżebbuġa Branch, Mtarfa Branch.*

*GOZO – GCPL, Għajnsielem Branch, San Lawrenz Branch, Qala Branch, Għarb Branch, Xewkija Branch.*

*'Id-Denfil' continued to be published for 33 years from 1974 till 2007 and in its first edition the series was composed of 7 books, including the rare 'Id-Denfil Taż-Żgħar.' These books layed a seminal role in instilling a love of reading in Maltese in generations of students and amongst the main themes covered in the stories and excerpts gathered in these books one can easily single out: a love for one's country and our unique language, Malta's historic development, love and respect towards nature and fellow citizens as well as the love for animals. Aside from these, it is interesting to note that every 'Id-Denfil' references the seasons and related festivities such as Christmas, Carnival, Holy Week and summer feasts too.*




**Vol. 13 – April 2024 – No 3** **Fuljett ta' informazzjoni mahrug mill-Kunsill Lokali ta' l-Gharb**

***Vol. 13 – April 2024 – No 3*** ***Information leaflet published by l-Gharb Local Council***

## ĠITA KULTURALI ĠEWWA L-ITALJA U L-ISVIZZERA

Fil-vaganzi tal-Għid il-Kunsill organiżża ġita kulturali ġewwa l-Italja u l-Isvizzera. Kien hemm numru sabiħ li attendew u għal darba oħra kienet ġita ta' suċċess. Dawn il-ġiti jagħqdu iktar il-komunita' kif ukoll jagħtu esperjenza ta' kulturi differenti.

## *CULTURAL HOLIDAY IN ITALY AND SWITZERLAND*

*During the Easter holidays the Council organized a cultural tour in Italy and Switzerland. A good number of residents attended and it was once again a success. In this tour the residents integrated more with each other and also experience different cultures.*



**Ikkuntattjana / Contacts: L-Gharb Local Council**
**Indirizz postali / *Postal address*:** L-Gharb Local Council, Visitation Street, L-Gharb, Gozo GRB 1044
**Indirizz tal-emejl / *Email address*:** gharb.lc@gov.mt • **Websajt / *Website*:** www.gharbnet.com
**Cempel servizz 24h / *Telephone 24h service*:** 21560556 • **Facebook:** Gharb Local Council

## INFIORATA TAL-MELĦ MILL-ESPRESSJONARTI GĦARB

Nhar Ħadd il-Palm, 24 ta' Marzu l-Grupp EspressjonArti Għarb kreja infiorata tal-melħ fuq disinn tas-Sur Michael Bajada bit-tema tal-Għid ġewwa Pjazza taż-Żjara tal-Madonna. Grazzi lill-Grupp tax-xogħol siewi li għamel.

## *SALT INFIORATA BY ESPRESSJONARTI GĦARB*

*On Palm Sunday, 24th March the group EspressjonArti Għarb created a salt infiorata on a design by Mr. Michael Bajada with an Easter theme. This infiorata was held at Pjazza taż-Żjara tal-Madonna so it could be admired by many. Well done to the group for their impressive works.*





## TQASSIM TAL-BAJD TAL-GĦID LIT-TFAL TAL-LOKALITA'

Nhar Ħadd il-Għid 31 ta' Marzu, il-Kunsill Lokali qassam bajd tal-Għid lit-tfal tal-lokalita' wara l-purċissjoni ta' Kristu Rxoxt.

## *DISTRIBUTION OF EASTER EGGS TO THE LOCALITY CHILDREN*

*On 31st March, Easter Sunday, the Local Council distributed Easter eggs to the locality children after the procession of the Risin Christ.*



## ĊENTRU AĠENZIJA APPOĠĠ

L-Aġenzija għall-Vittmi tal-Kriminalità espandiet is-servizzi tagħha f'Għawdex billi fetħet ċentru ġdid fl-Għarb fil-Kunsill Lokali. Dan iċ-ċentru l-ġdid għandu l-għan li jipprovdi servizzi legali lill-vittmi, li joffri pariri legali b'xejn u informazzjoni dwar proċedimenti kriminali b'appuntament. L-aġenzija ilha tappoġġja b'mod attiv lill-vittmi tal-kriminalità f'Għawdex, partikolarment lill-vittmi tal-vjolenza domestika, ⋙ biċ-ċentru tax-Xewkija jassisti 'l fuq minn 144 individwu fl-aħħar sentejn. Din l-inizjattiva ġiet inawgurata mill-Ministri Byron Camilleri u Clint Camilleri fil-preżenza tas-Sindku David Apap u l-kunsilliera biex issaħħaħ l-appoġġ għall-vittmi fir-reġjun kollu, u żżid maċ-ċentri eżistenti f'Santa Luċija, il-Qawra, u x-Xewkija. Is-CEO, Brian Farrugia, enfasizza l-importanza tal-kollaborazzjoni mal-kunsill Lokali tal-Għarb biex jinħoloq spazju ġdid sigur għal dawk fil-bżonn.




## *VICTIM SUPPORT AGENCY*

*The Crime Victim Agency has expanded its services in Gozo by opening a new centre in Għarb at the Local Council. This new centre aims to provide legal services to victims, offering free legal advice and information on criminal proceedings by appointment. The agency has been actively supporting crime victims in Gozo, particularly domestic violence victims, with the Xewkija centre assisting over 144 individuals in the past two years. This initiative was inaugurated by Ministers Byron Camilleri and Clint Camilleri in the presence of Mayor David Apap and Councillors to enhance support for victims throughout the region, adding to existing centres in Santa Lucia, Qawra, and Xewkija. The CEO, Brian Farrugia, highlighted the importance of collaboration with the Għarb Local council in creating a new safe space for those in need.*

## ADOTTA SIĠRA

Bħala parti mill-isforzi tal-Kunsill biex isaħħaħ l-ambjent tagħna, qed tiġi mnehdija kampanja ġdida bl-isem "Adotta siġra" b' xejn. Il-Kunsill Lokali tal-Għarb qed jilqa' applikazzjoni mingħand residenti mill-Għarb. Varjeta' ta' siġar bħal Ħawh, Ċiprisk, Pruna, Għajnbaqar u Żebbuġ. Individwi interessati jistgħu jinkitbu fil-Kunsill Lokali billi jippreżentaw l-karta tal-identità tagħhom. Ingħaqad magħna biex nagħmlu mpatt pożittiv fuq l-lokalita' tagħna permezz ta' din l-inizjattiva ambjentali!

**Termini u Kundizzjonijiet japplikaw .*

*As part of the council's efforts to enhance our environment, a new campaign called " Adotta siġra" for free, is being launched. L-Għarb Local Council is receiving applications from Għarb residents. Various trees such as peach, apricot, plum, prune and olives are up for adoption. Interested individuals can sign up at the Local Council upon presentation of their ID card. Join us in positively enhancing our surrounding environment through this initiative!*

## ĦARĠA GĦAT-TFAL U GĦAL FAMILJA F' JUM IŻ-ŻJARA UFFIĊJALI TAL-PRESIDENT F'GĦAWDEX

Il-Kunsill ser jorganiżża ħarġa għat-tfal u għal- familja f'jum iż-żjara Uffiċjali tal-President Eċċ Miriam Spiteri Debono f'Għawdex. Din ser tkun il-Ħadd 5 ta' Mejju Mid –9.00am tluq mil-Pjazza ta L-Għarb sabiex nilqgħu il-President fuq z-zuntier tas-Santwarju Ta' Pinu li wara ikollna quddiesa fl-10.00am. Wara ser imorru sal-Bajja tar-Ramla għal- ħin liberu flimkien. Kull min hu interessat huwa ġentilment mitlub iċempel il-Kunsill.

## *OUTING FOR YOUTHS AND FAMILY ON OFFICIAL VISIT OF THE PRESIDENT IF MALTA IN GOZO*

*The Council is organizing an outing for the youth and family on the official visit of the President of Malta H.E. Miriam Spiteri Debono in Gozo. This is going to be on Sunday 5th May at 9.00am we leave to welcome the President in front of Ta' Pinu Shrine then we paticipate in 10.00am mass. After we will go to Ramla Bay for some free time together. Who is interested kindly call at the Local Council for booking.*